SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GHOXRIN (Kontinwazzjoni 2)**

**13 ta' Gunju, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.40 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, l-Vici Sindku David Dalli u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Marica Bayliss u Neville Mallia.

## APOLOGIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))

Il-Kunsilliera Joan Farrugia u Mikhail Micallef minhabba ragunijiet personali.

Il-Kunsill approva r-ragunijiet bhala validi.

## ASSENTI

Ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

## UFFIĊJAL PREŻENTI

L-Agent Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

**20.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

20.2.36 Is-Sindku gharraf lil Kunsill li kien giet notifikat mis-Segretarju Ezekuttiv li kien mitlub jirraporta ghax-xoghol fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u li ghaldaqstant il-Kunsill irid jahtar persuna ohra f'din il-kariga.

20.2.37 Is-Sindku gharraf lil Kunsill li sakemm jigi mahtur Segretarju Ezekuttiv gdid, is-Sur Mifsud kien se jkun qed jokkupa l-kariga ta' Agent Segretarju Ezekuttiv.

20.2.38 Wara diskussjoni dwar il-process tal-ghazla mill-pool ta' Segretarji Ezekuttivi prospettivi kif ukoll kienet diskussjoni Memo 53 tal-2011 dwar il-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsill ried jahtar Bord tal-Ghazla li jaghmel rakkomandazzjoni lil Kunsill dwar l-ahjar kandidat.

20.2.39 Kien hemm qbil unanimu li l-Bord ikun kompost mis-Sindku u l-Kunsillera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Neville Mallia u Marica Bayliss.

20.2.40 Is-Sindku, f'isem il-Membri kollha, awgura lis-Sur Mifsud ghal pozizzjoni li se jkun qed jokkupa fid-Dipartiment.

20.2.41 Saret referenza ghal xiri ta' zebgha ghas-sinjali tat-toroq, fejn is-Sindku semma li se jara dan il-kaz flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv.

20.2.42 Wara diskussjoni mill-Kunsill dwar il-htiega ta' mpjegata gdida biex twettaq il-funzjonijiet ta' receptionist kif ukoll tghin lill-istaff f'qadi ta' dmirjiet ohra amministrattivi, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jipprocedi bis-sejha nterna sabiex jingagga persuna *full time*

20.2.43 Il-Kunsill qabe li jidhol fi ftehim mal-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Lourdes sabiex tigi orgnizzata summerfest, fejn kien ivvutati madwar € 1,000 ghal din l-attivita.

20.2.44 Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni ghal armar aa' pjancir mill-istess ghaqda ghaz-zminijiet tal-festa.

20.2.45 Is-Sindku gharraf lil Kunsill li kien hemm il-htiega li jerga jinbeda l-gemmellagg mal-lokalita ta' Monreal bil-ghan li jsir tournament tal-futbol.

20.2.46 Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva d-dokument tal-offerta relatat mal-latrina pubblika u l-htigijiet tal-madwar.

20.2.47 Wara diskussjoni l-Kunsill unanimanet approva d-dokument tal-offerta relatat mas-servizz ta' *accountant*.

20.2.48 Wara diskussjoni l-Kunsill unanimenta approva wara emendi fl-iskeda tas-servizz, d-dokument tal-offerta relata mat-tindif tat-toroq f'San Gwann kif ukoll irratifika l-offerta kif approvata mill-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

20.2.49 Kien hemm qbil li ssir talba lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex dawn iz-zewg kuntratti jigu estizi ghal sitt xhur.

20.2.50 Is-Sindku pprezenta kont kif approvat mill-Perit tal-Kunsill ghal xoghlijiet li twettqu mis-Sur Tony Aquilina ghat-tiswija tas-sistema tad-drenagg fi Triq il-Qasab, fejn wara li kien innotat li dan il-kont se jigi rimborzat mill-kuntrattur li ghamel it-triq, gie approvata unanimament.

20.2.51 Il-Kunsill kien mgharrfa li se ssir attivita nazzjonali li se tghaddi minn San Gwann u li f'din l-okazzjoni kienet se tithawwel sigra fil-vicinanza tal-Kapella tal-Mensija.

20.2.52 Is-Sindku pprezenta kont relatat ma' vjagg tas-safar li ghamlet il-Kunsillier Violet Bajada sabiex attendiet ghal konferenza f'isem il-Kunsill, liema kont giet mibghut minn Frank Balzan Travel, u li gie approvat unanimament.

## 20.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet (Kontinwazzjoni)

20.5.53 Il-Kunsill approva x-xiri ta' erba lapel badges minghand M. Fenech Jewellery ghal prezz totali ta' €165-il wahda.

20.5.54 Il-Kunsill approva x-xiri ta' zewg tender boxes ghal prezz ta' €277-il-wahda.

20.5.55 Is-Sindku gharraf lil Kunsill li kien ghadu ma ltaqax mal-fornitur maghzul ghal bankijiet, izda li dan kien ser isehh matul il-gimgha.

20.5.56 Il-Kunsill kien mgharraf bl-izviluppi li sehhu fir-rigward tal-iskema ta' manutenzjoni ta' partijiet komuni tal-binjiet tal-Gvern.

20.5.26 Il-laqgha giet fi tmiemha fit-7.45pm u s-Sindku sejjah l-laqgha 21 li kienet originarjament imsejha ghal llum ghal nhar it-Tnejn 27 ta' Gunju, 2011.

Konfermati, illum __ Lulju, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Agent Segretarju Eżekuttiv |